# Xi jkun in-Nom Mimmat?

In-Nom Mimmat huwa nom semitiku li jibda bl-ittra ***m*** u li juri waħda minn dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| **Post** | minn *tar* nagħmlu **mitjar**,<br>minn *ħażen* nagħmlu **maħżen,**<br>minn *ragħa* nagħmlu **mergħa**,<br>minn *qaddes* nagħmlu **maqdes**<br>minn *ħeba* nagħmlu ***moħba***<br>minn *żibel* nagħmlu ***miżbla*** |
| **Għodda** | minn *ħakk* nagħmlu **mħakka,**<br>minn *ħarat* nagħmlu **moħriet,**<br>minn *wiżen* nagħmlu **miżien**<br>minn *fetaħ* nagħmlu ***muftieħ*** |
| **Grupp** | minn *xitla* nagħmlu **mixtla,**<br>minn *siġar* nagħmlu **masġar**,<br>minn *kliem* nagħmlu **miklem** |
| **Ħsieb astratt** | minn *staħa* nagħmlu **mistħija**,<br>minn *ħabb* nagħmlu **mħabba**<br>minn *bagħad* nagħmlu **mibegħda**,<br>minn *ħafer* nagħmlu **maħfra**<br>minn *ħaqar* nagħmlu ***moħqrija***<br>minn *għader* nagħmlu ***mogħdrija*** |
| **Kwalità fil-bniedem** | minn *dineb* nagħmlu **midneb**,<br>minn *ġenn* nagħmlu **miġnun**,<br>minn *dejn* nagħmlu **midjun** |
| **Żmien** | minn *wiled* nagħmlu **Milied** |

## Kif jissawwar in-Nom Mimmat?



In-Nom Mimmat jista' jitnissel minn nom, minn verb jew inkella minn aġġettiv u jissawwar billi nżidu l-konsonanti ***m*** fuq quddiem tal-konsonanti.

Pereżempju, in-nom masġar tnissel min-nom 'siġar', in-nom 'moħba' tnissel mill-verb 'ħeba' u n-nom 'maqdes' tnissel mill-aġġettiv 'qaddis'.

## Kull nom li jibda bl-ittra *m* huwa Nom Mimmat?

Le. Biex nom li jibda bl-ittra ***m*** jitqies bħala Nom Mimmat, jeħtieġ li jkun ta' nisel Semitiku (ġej mill-Għarbi u allura għandu l-għerq) li jkun ġej (imnissel) minn nom, verb jew aġġettiv ieħor.

Mela allura, nomi bħal 'magna' u 'medalja' mhumiex Nomi Mimmati għax mhumiex ta' nisel Semitiku u mhuma ġejjin minn ebda kelma oħra.

## Illum għadna noħolqu nomi mimmati ġodda?

Tajjeb li ngħidu li llum il-ġurnata m'għadniex noħolqu nomi mimmati, imma tajjeb li dawk li għadna nużaw nibqgħu nużawhom biex ma jintilfux.